# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2909

Kaz Nru. 3384/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Cilia (ID 23362(M))

u

Air Malta plc

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM**

**Illum : 15.05.2023**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qrati Superjuri tal-Gustizzja, datat 3 ta' Awissu 2015 fejn is-Sur Charles Cilia li kien impjegat mal-kumpanija Air Malta, gie itterminat l-impieg tieghu fuq il-premessa li l-post tieghu gie abolit u ghalhekk ir-raguni mghotija lilhu kient dik ta' redundancy.
Is-Sur Cilia permezz ta' dan ir-rikors isosstni li t-terminazzjoni mill-impieg tieghu ma kienetx ghal raguni gusta u sufficjenti u ghaldaqstant qieghed jitlob kumpens xieraq.

Il-kumpanija Air Malta fir-risposta taghha datata 13 ta' Ottubru 2015 tghid li t-terminazzjoni mill-impieg tas-Sur Cilia saret minhabba l-abolizzjoni ta' l-grad tieghu u ghalhekk it-terminazzjoni tieghu kienet ghall-raguni gusta u validament skind il-ligi.

It-Tribunal Industrijali ghamel tlettax 13 il-seduta.
Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis- soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**
Is-Sur Charles Cilia li minn issa il-quddiem ser jisejjah ir-rikorrent qieghed ikun mghejjun minn l-Avv. Ian Spiteri Bailey kif ukol mill-Avv. Christine Calleja.

Il-kumpanija Air Malta li minn issa il-quddiem ser tisejjah is-socjeta' intimata qed tigi mghejjuna mill-Avv. Robert Abela u l-Avv. Ryan Pace.kif ukoll l-Avv. Andre' Borg.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**
Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' intimata, mill-1 ta' April 2012 inghata posizzjoni fil-grad ta' Head of Sales & Regions b'kuntratt fuq bazi full time. L-impieg tieghu gie itterminat fit-22 ta' April 2015 fuq il-premessa illi l-post tieghu kien qed jigi abolit , u kwindi t-temm tal-impieg a bazi ta' redundancy.

Is-Socjeta' intimata fl-ispjegazzjoni taghha tirreferi ghall l-hekk imsejjah **Rescue Plan** maqbul ma l-Unjoni Ewropeja fejn minhabba sitwazzjoni finanzjarja prekarja li kienet fiha is-socjeta' intimata, kellu ssir ristrutturar, partikoralment fid-dipartiment Kummercjali fejn il-posizzjoni tal-grad tar-rikorrent kellha tigi abolita. Ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jigi tterminat fuq bazi ta' Redundancy.

Illi ma dan kollu wassal biex il-kariga tar-rikorrent bhal Head of Sales and Regions kellha tigi abolita u ir-responsabiltajiet residwali li kienu marbuta mal-kariga, gew assorbiti komodament mic-Chief Commercial Officer u mid-deputat tieghu. B'hekk ukoll is-socjeta' esponenti llum ghandha struttura aktar efficjenti, aktar lineari u ghandha strategija kummercjali ahjar, immirata principalment ghal bejgh u promozzjoni virtwali fis-setturi ta' business to business u business to customer. (Rikors 13/10/2015).

4. **Il-lista ta' xhieda:**
Xhieda imressqa ser ikunu skond kif elenkati fil-listi annessi kemmm fir-rikors tar- rikorrenti kif ukoll fir-risposta tas-socjeta' intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**
Dokumenti ipprezentati mir-rikorrent immarkati bhala Dok PC 1 sa PC5 inkluz.

Dokumenti immarkat Dok A sa E inkluz. Dok X1;

Dokumenti ipprezentati mis-socjeta' intimata immarkati bhala Dok RA 1 sa Dok RA 12 inkluz.

Dokument CC1 sa CC6 inkluz inkuz.

Dokument A; anness man-nota ta' James Genovese datata 21/01/2021.

Kif ukoll kopja tal-Ftehim Kollettiv tas-socjeta' intimata.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

Rikorrent **Charles Cilia:** " F'dawnl-ahhar tlett snin jiena kont parti integrali mill-istrutturar li sar fl-Air Malta li fih ghint biex jimbidlu l-processi biex jigu aktar effettivi u fl-istess hin **nirriducu n-nies ghall ammonti** li gew miftiehma fir-Restructuring plan mal-EU minghajr l-ebda detriment ghall ammont ta' passiggieri li jsiefru mal-Air Malta u l-anqas ghar revenue li kien ibbagitjat fl-istess restructuring plan". (Rikors Dok E pag 1 para 6)

Rikorrent: **Charles Cilia** "_________,l-Air Malta ghamlet Restructuring Plan li riedet toffri lil Brussels biex ikun jista l-gvern jaghti sussidji lill-Air Malta u parti minn din ir-Restructuring Plan, milli nista' nifhem , **kien hemm din il-hierarchy ta' kif ha jigu l-posizzjonijiet il-godda u ha jitnehhew bicca minnhom u bicca minnhom jigu amalgamati**. Meta ltqajt mas-Saunders (CCO) bhal m'ghidt meta konna ddiskutejna l-VRS u Restructuring, qalli, "isma', din il-kaxxa li nixtieqek tokkupa int". Kienet kariga ta' Head of Sales and Regions u go fiha kien hemm id-Dipartiment tas-Sales kollu. Meta qed nghid id-Dipartiment tas-Sales kollu jigifieri l-E-Commerce kollu, il-Contract Management tal-Call Centre,u r-Retail outlets tal-Air Malta, il-key accounts, jigifieri l-operaturi l-kbar li jahdmu mal-Air Malta kif ukoll il-Malta Sales, jigifieri kull ma jinbiegh Malta kienu jghaddu mid-dipartiment tieghi.

**Xhud J.Galea: Deputy Chief commercial officer: " _______________**iffitxu lill xi had li huwa very current mas-sistemi moderni, elettronici, what we call dynamic selling, ghax ix-xejra kienet u llum five, six years wara naraw li hemm sejrin, ix-xejra kienet li il-mod tradizzjonali kif jimbieghu l-biljetti u titmexxa l-industrja tal-avjazzjoni kien qieghed jimbidel (Sed 31/05/2021 pag4 ).

"___________nahseb li kulhadd jaf dwarha, tal-EU fejn il-Gvern Malti gie permess mill-Unjoni Ewropea li jaghti ammont ta' fondi lill-Air Malta sabiex l-Air Malta tghaddi minn zmienijiet difficli li kienet ghaddejja minnha. Ovvjament il-fondi ma gewx biss imma kien hemm ukoll kundizzjonijiet maghhom ta' restructuring". (pag 4).

**L-Avv. A.Borg: Mis** " ________________x' ghamiltu biex propju tilhqu dawn l-ghanijiet ta' cost cutting u ta' restructuring? X'kien hemm bzonn isir?"

**J.Galea**: " ___________hafna kuntratti gew renegotiated u kien hemmm savings kbar minn certu kuntratti, kuntratti ta' suppliers; ta' IT: catering: attentat biex innaqqsu wkoll l-ispiza tal-cabin staff u tal-ground handling kif ukoll tnaqqis fl-ispiza socjali.
____________Nahseb li Philip Saunders kien ghadu jahdem pjuttost iktar tradizzjonali minn Ursula Silling__________wahda mill affarijiet li bdiet Ursula Silling kienet li tara li l-ufficcini ta' barra m'hemmx bzonnhom ________kemm hi u kemm ic-Chief Financial officer ta' dak iz-zmien kienu qablu ma dan il-pjan li dawn l-ufficini ta' barra jinghalqu totalment (pag 6).. Spiccaw bejn 40 sa 45 ruh minn dawn l-ufficini u b'rizultat ta' dan gew iffrankati 3.5 miljun euro.

“ meta ix-xoghol tas-sales sar globalizzat l-ufficini regjonali gew obsolete u nahseb l-Air Malta rat li dak ir-rwol li jkollok xi hadd li jiehu responsabbilita_____dik li jista jkun li ddecidiet l-Air Malta li dik ir-role (Head of Sales & Regions) mhux aktar importanti. ( Sed 31/05/2021 pag 7;8)
Fis-seduti tal 25/01; 31 ta Mejju u ta 29/11/2021 jittrataw xhieda tas-Sur Joe Galea fir rigward tar-ristrutturar fid-dettal.

**7 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Andre Borg** ghas-socjeta’ intimata spjega lis-socjeta’ kienet ghaddejja minn ristrutturar u li r-rikorrent kien wiehed mill-impjegati li kien jaghmel parti minn dan il-process. Hu spjega li f’kaz bhal dan, it-Tribunal jigi irrinfaccjat b’diffikulta sabiex jikkonkludi ezattamant x’gara. F’dan il-kaz partikulari is-socjeta’ intimata Air Malta hija kumpanija pubblika u l-ezercizzju tar-ristrutturar kien maghruf minn kullhadd anke permezz ta’ stqarrijiet ministerjali, ippublikati fil-media. Dan il-process huwa wiehed li ilhu sejjer ghall dawn l-ahhar ghaxar snin u ghaldaqstant il-pubbliku kien ikun jaf x’inhu ghaddej minn zmien ghal zmien.

**L-Avv. Andre Borg** spjega l-fatt li r-rikorrent ma kienx l-uniku impjegat li gie tterminat, izda, *“ ma zewg persuni ohra tal-anqas l-istess gurnata, ma hmistax il-persuna ohra mill-istess dipartiment f’dak l-istess zmien”.* Dan il-process wassal li minn dak iz-zmien sal-llum gew terminati diversi persuni li n-numru taghhom jaqbez il-hames mitt ruh, li gew imgieghla jirrizenjaw.
Hu spjega li kien fatt maghruf li is-socjeta’ intimata kienet ilha ghaddejja minn problemi finanzjarji kbar u ghalhekk il-process tar-ristrutturar tad-dipartimenti kollha tal-kumpanija, inkluz l-uzu tal-ufficini esterni barra mill-pajjiz u li kien responsabbli taghhom ir-rikorrent.
Hu spjega li anke l-posizzjoni ta’ deputat CCO kariga li kien jirrispondi ghandha ir-rikorrent giet ukoll abolita u parti mir-responsabilitajiet li kien jaghmel id-deputat CCO gew mghoddija lis-CCO, kif ukoll fl-istess hin f’numru ta’ dipartimenti tnaqqas in-numru’ ta impjegati bin-nofs u minn baqa kellu jerfa bicca mir-responsabilitajiet ta’ l-ohrajn. B’hekk tnaqqset l-ispiza tas-salarji u li fl-istess hin ma gewx impjegati nies godda.

Hu spjega kif id-dipartiment kummercjali, bhal dipartimenti ohra, li huwa wiehed krucjali ghal-kumpanija kellu jghaddi ukoll minn dan ir-ristrutturar u li rizultat ta’ dan wassal sabiex il-kumpaija ma kienetx f’posizzjoni li toffri impieg alternattiv minhabba it-tnaqqis ta’ impjegati, minn diversi sezzjonijiet, li kienu fl-istess livell ta’ responsabilta li kellhu ir-rikkorenti.
Hu irrefera ghal dak li kien qal ir-rikorrent li s-suq ta l-avjazzjoni imbidel fl-aspetti kollha tieghu, kemm f’dak li huwa sistema ta’ bejgh u fl-uzu tas-sistemi ta l-IT (Social media).

**L-Avv. Andre Borg;** irrefera ghal fatt li d-decizzjoni ta **“l-Abolishing of post”** li kien jokkupa ir-rikorrent kien gie deciz mic-CCO Ursula Silling li ingiebet Malta sabiex taghmel l-ezercizzju tat-tnaqqis ta’ posizzjonijiet sic ta’ l-impjegati ghax dan kien it-tir ta’ dan ir-ristrutturar. “*Is-sur Cilia jista jghid illi forsi ma kienx l-ahjar mod kif jigi nfurmat bit-terminazzjoni tieghu. U hawnhekk forsi nikkoncedi ftit. Forsi l-affarijiet setghu sari daqsxejn mod differenti veru.” Pero il-fatt jibqa li ma kienetx tkeccija ingusta imma abbazi ta’ ristrutturar”* (Rif Sed 14/02/2022 pag5).

**L-Avv. Andre Borg** staqsa " *Kienet tkeccija ngusta jew le?. It-tkeccija , t-terminazzjoni jiena nghidilha iktar minn tkeccija , kient gustifikata fil-kuntest ta' ristrutturar illi kien ghaddej dak iz-zmien*?? *Nahseb li dan huwa it-test li dan it-Tribunal ghandhu jaghmel u allura l-bilanc tal-probabilita' tkun propju billi wiehed irid jara bilfors ghaliex hekk huwa l-kaz, irid jara l-kuntest illi fih saret din it-terminazzjoni".*

**L-Avv. Christine Calleja:** Spjegat fit-tul l-andament ta' dan ir-ristrutturar fejn anke ghamlet accenn li is-Sur Galea f'possizzjoni ta' Deputat CCO kellu jaccetta parti mid-doveri minn dawk lii kien jaghmel ir-rikorenti, kif ukoll anke ic-CCO kellu jiehu doveri ta' haddiehor anke jekk temporarjament.

**L-Avv. Christine Calleja** irreferiet ghall xi sentenzi Tribunal/Appell fejn iccitat *" Was the dismissal caused wholey or mainly by th estate of affairs?"* _______________*" Jigifieri l-importanti li tnaqqas ix-xoghol jew li ha jonqos ix-xoghol u li i-tkeccija hija marbuta biss mat-tnaqqis fix-xoghol".*
*Ghamlet riferenza " Tribunals should not, introduce a contract test whereby they just considered the specific tasks that the applicant was employed for ". Jigifieri jekk inti fil-kuntratt ghandek Head of Sales u ghandek erba duties imma fil verita' int kont taghmel affarijiet ohra jew stajt taghmel affarijiet ohra l-employer ma jistax just jistrieh fuq dak li jghid il-kuntratt jew fuq it-titlu tieghek, imma l-ezercizzju jrid ikun ferm iktar wiesa' minn hekk ".*

**L-Avv. Christine Calleja** irreferiet li is-Sur Cilia kien eligibbli ghal skema ta' irtirar kmieni u li ma kienx applika ghaliha ghax il-managment tah x'jifhem "Isma ghandna bzonnok, titlaqx'.

**L-Avv. Andre Borg:** gibed l-attenzjoni li il kaz D'Anastasi vs Thermo plastics huwa kaz kompletament differenti ghax altru titkellem fuq kumpanija 'tit ghexieren ta' nies u altru kumpanija ta' aktar minn elf ruh. Kif ukoll il-manager li kien jaf jaghmel kollox u kien il-factotum tal-kumpanija, waqt li fil-kaz tar-rikorrent kien importanti izda mhux il-factotum u ma setx jaghmel kollox ghax kien hemm hafna dipartimenti li ghandhom bzonn skills specifici ohra li kienu zviluppaw matul iz-zmien fil-qasam ta l-Avjazzjoni u li ma kellhomx x'jaqsmu ma l-iskills antiki. Kull dipartiment kien ghaddej minn ristrutturar u kollha bdew inaqqsu in-nies. (14/02/2022 pag16)

**L-Avv. Christine Calleja**: insistit " li ma kienet tresqet l-ebda prova ta' x'gie ikkunsidrat bis-serjeta , ma ngabet l-ebda flo-chart, ma ngabet l-ebda sheet ___________" (Sed 14/02/2022 pag16)

## 7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjoni tieghu f'dan il-kaz partikulari hares lejn dawn l-aspetti u zamm quddiemu l-Artiklu 80 (1) tal-Kap 452 fejn jitkellem
"Fl-ghoti tas-sentenza, decizzjoni jew parir, it-Tribunal jista jqis il-politika socjail u **Ekonomika** u il-principju tal-gustizzja socjali li jkunu jipprevalu fiz-zmien tal pronunzjamnet tieghu jekk jqis illi dawn ikunu rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz li jkollu quddiemu.

(a) Dan kien ristrutturar **Sui Generis** ghax bhala kumpanija semi-governattiva dan l-ezercizzju kien impost fuq is-socjeta' sic gvern mill-Unjoni Ewropeja.
(b) Dan kien ezercizzju li l-pajjiz kollu kien jaf bih u kien fuq fomm kulhadd.
(c) Il-kuntest ta' dan ir-ristrutturar kien qieghed isir fl-isfond ta 'telf finanzjarju kbir li setgha jhedded l-ezistenza ta' l-istess socjeta' intimata b'rizulta ta' terminazzjoni mill-impieg ghall l-impjegati kollha. (l-aspett (Ekonomiku), kif ukoll effetti indiretti ohra fis-socjeta in generali.
(d) L-ezercizzju ta' ristrutturar li minnhu intlaqat r-rikorrenti kien wiehed minn sensiela ta' ezercizzji u li kienu obligatorji mill-EU u li l-istess rikorrenti kellhu parti attiva fl-implimentazzjoni taghhom.
(e) Matul is-snin 2006 u 2012 kienu gew implimentati ezercizzji ta' mass Redundancies li kienu ikkumplimentati b'diversi skemi ta' irtirar kmieni jew irtirar volontarju, u li kienu dejjem prerogattiva tas-socjeta' intimat ta' min seta jikkwalifika jew le. Dan irrizulta li kien hemm tnaqqis fil-gradi kollha minn fuq ghal isfel.
(f) Filwaqt li beda isir dan l-ezercizzju gew maqbula tlett ftehimiet kollettivi ta' tlett setturi important ghall dawk l-impjegati li baqghu jahdmu mas-socjeta' u li kienu ilhom ma jizdiedu fil-paga taghhom minhabba ir-Rescue paln tal E.U.
(g) Dawn l-ezercizzji ta' ristrutturar gew mahluqa u mmexxija minn diversi kapijiet ezekuttivi barranin li kien kollha esperti fi tmexxija ta' linji ta' l-ajru simili bhas socjeta' intimata. (sitt persuni barranin esperti fil-qasam tal-avjazzoni)
(h) Kien fatt pubbliku li dawn il-pjanijiet fallew fl-ghan taghhom, izda in vista li s-socjeta' intimata kienet wahda important fl-aspett tal- konnettivita minhabba l-insularita tal-pajjiz, xorta baqghu jsiru tenttativi sabiex din is-socjeta' tibqa tiffunzjona. (Rif l-aspett politku/ socjali)
(i) It-Tribunal innota li r-rikorrent bit-tip ta' kuntratt individwali ma kienx jaqa taht l-ebda ftehim kollettiv.
(j) It-Tribunal kellhu ir-responsabilita li jara li izomm bilanc bejn id-dritt necessarju ghall hidma ekonomika tas-socjeta' intimata u id-dritt tar-rikorrent li ma jkollux il-kuntratt tieghu itterminat unilateralment.( L-aspett tal gustizzja socjali)
(k) It-Tribunal ta' importanza shiha sabiex jinnota dawk il-fatturi li kienu jew li ma kienux kunsiderati, u x'piz inghata fil-kunsiderazzjonijiet. (Pickwell vs Camden London Borough Council 1983).
(l) It-Tribunal Industrijali fela bir-reqqa il-passi li is-socjeta' intimata kienet hadet il-fatturi kollha relevanti kif ukoll dawk irrelevanti sabiex tasal ghad-decizzjoni taghha, sabiex waslet ghat-terminazzjoni tar-rikorrent.

## 8 Id-deċiżjoni:

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni finali tal-partijiet, fehem is-sitwazzjoni li kienet ghaddejja minnha is-socjeta' intimata kif ukoll il-kumplessita ta' l-ezercizzju ta' ristrutturar li kien qieghed jitmexxa minn gruppi ta' nies inkluz kapijiet barranin.

It-Tribunali u Qrati ma jidhlux fid-decizzjonijiet li jkunu ttiehdu minn min qed immexxi r-ristrutturar izda jaraw jekk l-ezercizzju kienx jew seta' kien ivvizzjat b'xi mod, u li jitmexxa ma kriterji li stabilixxew rwiehom matul il-kambjament tal-kamp tax-xoghol fejn ristrutturar l-organizzazzjonijiet sar l-ordni ta' kuljum.

It-Tribunal industrijali innota parti mit-trattazzjoni finali ta' l-istess socjeta' intimata fejn gie mistqarr li

Detto " *is-Sur Cilia jista' jghid illi forsi ma kienx l-ahjar mod kif jigi infurmat bit-terminazzjoni tieghu. U hawnhekk forsi nikkoncedi ftit. Forsi l-affarijiet setghu saru daqsxejn b'mod differenti ahjar*____________" (trattazzjoni finali l-Avv A.Borg. pag 5).

Non e stante li kemm fid-dokumentazzjoni kif ukoll fix-xhieda moghtija matul il-process intwera li s-socjeta' ghaddiet minn ristrutturar qawwi u rigoruz, xort wahda b'din l-istqarrija intefa dubju li l-metodu li wasslu ghat-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrent setghu isiru ahjar, ghaldaqstant t-Tribunal jemmen li d-dubju irid jittiehed favur ir-rikorrenti.

It-Tribunal Industrijali jaqta u jiddeciedi li filwaqt li jifhem li l-ezercizzju tar-ristrutturar fih innifsu kien ragjonevoli pero t-terminazzjoni tar-rikorrenti ma kienetx wahda gusta ghalhekk jordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas kumpens ta' hamsa u ghoxrin elf euro (25,000 euro) lir-rikorrent, fi zmien tlett xhur minn din d-decizzjoni.

Dan il-kaz huwa maghluq.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet tra min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffrimat)

James Pearsall
Chairman